MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2682/2002

**R.A.B. Limited**

**Vs**

**Alex Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u sebgha u tletin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm537.58), prezz ghall-bejgh u konsenja ta' prodott ta' l-ikel.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Michael Grech in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija u sebgha u tletin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm537.58), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------